**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tnejn 7 ta' Diċembru, 2020

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

**AĠENDA Numru 22**

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 22 li ser tinżamm permezz ta' ZOOM nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2020 fil-17:00.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
22.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
22.5 Rapporti;
22.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
22.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
22.8 Aġġornament dwar l-Iskema tal-Ħarsien tal-Annimali mill-Kunsilli Lokali;
22.9 Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2021;
22.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
22.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-22 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru, 2020 fil-17:00 permezz ta' ZOOM (online) u spiċċat fis-19:00.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR (online) |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja (online) |
| Kunsilliera | Marion Parnis (online) |
| Kunsillier | Charles Zerafa (online) |
| Kunsillier | Daniel Farrugia (online) |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ | Gabriel Camilleri (bagħat raġuni permezz t'e-mail) |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

22.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

22.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

22.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

22.2.1 Il-Minuti tal-21 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu ppproponuti mill-Kunsillier Charles Zerafa.

22.2.2 Il-Viċi Sindku Patrik Bugeja ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 22.3, 22.4 u 22.5 jiġu diskussi wara Minuta 22.9 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

22.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

22.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li mill-aħħar laqgħa ġie ssorveljat ix-xogħol li sar fl-ewwel sular u wara nbeda t-tieni sular.

22.6.2 Żied li fi ftit ġimgħat oħra ser jibda x-xogħol fuq il-Ġnien innifsu, jiġifieri l-playing field.

22.6.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li ftit tal-jiem ilu ra xi ħaddiema jaħdmu u sfortunatament deher ċar li mhumiex tal-mestier.

22.6.4 Is-Sindku wieġeb li qed jieħu nota ta' dan, biss kull pass li qiegħed isir qed jiġi ċċertifikat mill-Perit imqabbad mill-Kunsill Lokali fuq il-proġett.

22.6.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa jekk wara li jitlesta l-ġebel u s-saqaf iridx jinħareġ tender ieħor.

22.6.6 Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

## 22.7 AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA

22.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li jista' jkun li fl-aħħar qed naslu xi mkien.

22.7.2 Spjega kif is-sotto-kuntrattur twaqqaf mix-xogħolijiet wara li sal-10 ta' Diċembru, 2020 ma kompliex ix-xogħol kif miftiehem.

22.7.3 Qal li nstab bennej ieħor li ser jieħu ħsieb ix-xogħolijiet imma qed nistennew li ismu jiddaħħal għand l-Awtorità tal-Ippjanar minħabba li kien hemm bidla fil-bennej u allura hemm liċenzja differenti.

22.7.4 Żied li hemm possibbiltà li x-xogħol jitkompla l-ġimgħa d-dieħla għalkemm issa deħlin fil-jiem tal-festi u allura probabbli kulħadd jieħu xi ftit vaganzi.

## 22.8 AĠĠORNAMENT DWAR L-ISKEMA TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI MILL-KUNSILLI LOKALI

22.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li għadna qed nistennew mid-Dipartiment sabiex parti mill-flus ivvutati għat-tiswija tal-annimali jintużaw sabiex jinxtara aktar ikel u jinxtraw il-cat shelters.

22.8.2 Qal li fl-aħħar jiem iffirmajna l-kuntratt il-ġdid ta' skema oħra għas-sena d-dieħla.

22.8.2.1 Spjega kif f'din l-iskema mhemmx it-tiswija tal-annimali jew proviżjoni t'ikel, imma aktar ser nikkonċentraw dwar il-mediċina u l-ħarsien tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

annimali mingħand il-veterinarji, tindif taż-żoni fejn jingħataw jieklu, u edukazzjoni.

22.8.3 Tkellem ukoll dwar skema li nħarġet fl-aħħar jiem sabiex il-cat feeders jingħataw vawċer sabiex jieħdu l-qtates għat-tiswija u ssuġerixxa li nidħlu għal din l-iskema.

22.8.3.1 Il-Kunsilliera Marion Parnis issekondat din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

22.8.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar l-ikel li qed jitqassam għall-cat feeders u staqsa jekk is-sena d-dieħla huwiex ser jibqa' jingħata.

22.8.4.1 Il-Kunsillier Marion Parnis wieġbet li din hija skema ta' sena waħda u allura mis-sena d-dieħla ma nistgħux inqassmu aktar ikel.

## 22.9 <u>JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2021</u>

22.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li forsi nqbadna ftit tard dwar dawn l-attivitajiet imma xorta waħda jistgħu jsiru b'mod limitat.

22.9.1.1 Qal li għadna qed nevalwaw jekk terġax issir is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi 2021 b'mod limitat inkella jekk isirx kollox online.

22.9.1.2 Żied li jrid jiġi deċiż kif ser jitlaħħaq is-Sottokumitat tal-Aġġudikazzjoni għal Ġieħ il-Qrendi 2021.

22.9.1.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament li jseħħ eżatt bħas-sena li għaddiet, li s-Sottokumitat tal-Aġġudikazzjoni jkun ifformulat mir-rappreżentanti tal-Għaqdiet li għandna fil-lokalità tagħna.

22.9.1.4 Ġie deċiż li s-serata ta' Ġieħ il-Qrendi ssir is-Sibt 20 ta' Frar, 2021 fis-19:30, fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali.

22.9.1.5 Jum il-Qrendi ser jiġi ċċelebrat il-Ħadd 21 ta' Frar, 2021 b'quddiesa fl-10:00 imbagħad isir it-tqegħid ta' kuruni ħdejn il-Monument tal-Gwerra.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

22.9.1.6 Is-Sindku qal li ser nitkellmu mal-Amministratur Parrokjali dwar iż-żewġ attivitajiet maħsuba għal Jum il-Qrendi 2021.

22.9.2 Is-Sindku ppropona wkoll li mill-aktar fis possibbli l-Kunsill Lokali jibgħat ittra lill-Professur Monsinjur Emmanuel Agius għall-ġieħ li rċieva għall-Qadi tar-Repubblika ta' Malta.

22.9.2.1 Il-proposta kienet issekondata mill-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 22.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

22.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar Triq Sant'Anna u qal li fl-aħħar ġimgħat twaħħlu t-tabelli li ser isir iddevjar tat-traffiku.

22.3.1.1 Qal li wara ħafna mistoqsijiet sirna nafu li x-xogħol ser isir minn Infrastruttura Malta, u talab għal laqgħa magħhom għax din it-triq tista' tirriżulta f'waħda problematika.

22.3.1.2 Żied li meta ltaqa' mal-Perit t'Infrastructure Malta staqsa jekk is-sqaq li hemm fi Triq Sant'Anna jistax isir bl-imprint, imma kien avżat li dan jista' jsir mill-fondi tal-Kunsill Lokali.

22.3.2 Is-Sindku tkellem dwar iż-żona fuq Misraħ il-Maqluba u qal li l-applikazzjoni biex isir żvilupp ħafif ma ġietx aċċettata mill-ERA.

22.3.2.1 Qal li l-problemi mal-ERA kienu għax ma ridux li ssir parti mit-triq, imma riedu li jsir pajsaġġ, kif ukoll ma ridux proġett strutturat, għax qed jingħad li inkella ser nitilfu d-dinamika taż-żona.

22.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-immanniġġjar tal-iskart u qal li l-WasteServ flimkien mal-Gvern qed jippruvaw joħolqu soluzzjonijiet smart u jridu l-għajnuna tagħna.

22.3.3.1 Qal li għadu mhuwiex ċert jekk bħala Kunsill Lokali għandniex nidħlu għal din l-inizjattiva, u jrid ikun hemm min jieħu r-responsabbiltà ta'

dan il-proġett.

22.3.3.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li l-inizjattiva hi tajba, imma wieħed irid jara jekk tkunx vijabbli teknikament.

22.3.3.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li tidher diffiċli għax hemm ħafna xogħol involut u hemm il-possibbilità li ma tiġiex aċċettata.

22.3.3.4 Is-Sindku ppropona li ser terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss u tittieħed deċiżjoni dwar jekk nidħlux għaliha jew le.

22.3.4 Is-Sindku tkellem dwar Triq Rokku Buhagiar u qal li nbeda x-xogħol fil-parti ta' fuq wara ħafna xhur nistennew.

## 22.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

22.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar l-immaniġġjar tat-traffiku fiq Triq it-Tempesta u xtaq ikun jaf jekk kienx hemm xi żviluppi.

22.4.1.1 Is-Sindku David Schembri wieġeb li mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali saret iż-żebgħa mal-art u fadal isiru t-tabelli li għandna informazzjoni li ser isiru wara l-festi li ġejjin.

22.4.1.2 Qal ukoll li tlabna li mar-roundabouts ikun hemm cats-eyes sabiex jirriflettu meta jkun hemm id-dwal tal-karozzi u għandna informazzjoni li dawn ser isiru qabel il-waqfa tal-Milied.

22.4.1.3 Il-Viċi Sindku reġa' staqsa li minn dak li qed jingħad jidher li kollox ser jibqa' kif inhu.

22.4.1.4 Is-Sindku wieġeb li m'għandux informazzjoni jekk hux ser jibqa' kollox kif inhu jew le, imma qed jistenna aktar risposti minn Infrastructure Malta dwar dan.

22.4.1.5 Il-Viċi Sindku qal ukoll li kemm-il darba esperjenza l-karozza tal-linja li x'ħin iduru mar-roundabout għal Triq Antonio Chircop, dawn qed

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

ikollhom bilfors jaqbżu fuq in-naħa l-oħra tat-triq b'parti mix-xarabank u qed nissugraw li jkun hemm inċident ma' vettura li tkun nieżla minn Triq Antonio Chircop fid-direzzjoni ta' Triq it-Tempesta.

22.4.1.6 Is-Sindku qal ukoll li x-xogħol fir-roundabout tematika tal-Qrendi ser jitkompla bejn għada l-Erbgħa 16 u l-Ħamis 17 ta' Diċembru bejn it-08:00 u s-18:00, u allura kulmin irid imur fid-direzzjoni tal-Imqabba jrid jgħaddi miż-Żurrieq.

22.4.1.7 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li anke r-roundabout li hemm f'nofs il-by-pass faċċata ta' Triq iż-Żurrieq ikun aħjar jekk tiġi rranġata.

22.4.1.8 Qal li l-karozzi li ġejjin mid-direzzjoni tal-Maqluba u jkunu jridu lejn Triq iż-Żurrieq, ikollhom joħorġu ħafna 'l barra minħabba kif tinsab il-kurduna.

22.4.1.9 Ser niċċekkjaw m'Infrastructure Malta dwar dan il-każ.

22.4.2 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar il-media room fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali u qalet li avolja fil-laqgħa li għaddiet ġie deċiż li ser nikru din is-sena għas-sena d-dieħla, xorta waħda l-interactive whiteboard għadu ma twaħħalx u l-kors tal-Ispanjol kellu jiċċaqlaq għal lok ieħor.

22.4.2.1 Is-Sindku wieġeb li għadna qed nistennew risposta fejn ser isir il-bieb li jrid jinfetaħ f'din il-media room, għax jidher li l-Perit u l-Amministratur Parrokjali mhumiex jaqblu fejn ser isir eżatt.

22.4.2.2 Il-Kunsilliera Parnis sostniet li dan l-interactive whiteboard seta' twaħħal f'post ieħor fl-istess media room, ma' ħajt ieħor, jew inkella jitpoġġa b'mod temporanju fuq stand.

22.4.2.3 Is-Sindku wieġeb li s'issa dejjem iddiskutejna li dan jitwaħħal mal-ħajt u mhux jitqiegħed fuq stand temporanju li jkun jista' jiċċaqlaq bis-sogru li ssir il-ħsara lill-interactive whiteboard projector.

22.4.2.4 Il-Kunsilliera Parnis qalet li kieku kienet taf li ser jinħolqu dal-problemi kollha, kieku ma kenitx taċċetta li l-media room terġa' tinkera b'din l-oppożizzjoni kollha.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

22.4.2.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li meta jinkera spazju, m'għandux ikollna obbligi u oġġezzjonijiet fuq x'isir u ma jsirx f'dak l-ispazju.

22.4.2.6 Is-Sindku wieġeb li s'issa għadna ma ffirmajna l-ebda kuntratt u għaldaqstant nistgħu nsibu post ieħor għas-sena d-dieħla.

22.4.3 Il-Kunsilliera Marion Parnis staqsiet dwar mera fi Triq it-Tempesta, faċċata ta' Triq Ħal Lew u jekk din hijiex ser issir.

22.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li din il-parti tat-triq jista' jkun li ser issir one way u għaldaqstant irridu nistennew l-immaniġġjar tat-traffiku.

22.4.4 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar is-sistema tal-permessi online.

22.4.4.1 Is-Sindku wieġeb li din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 22.5 <u>RAPPORTI</u>

22.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 22.10 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

22.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €27,671.10 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 12/20 u €73.06 skont il-*Petty Cash* Ref X/11.

22.10.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

22.10.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

22.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 22.11 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

22.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18:15 u ġiet aġġornata għat-Tlieta 19 ta' Jannar, 2021 fil-17:30.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |